MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 372/2006

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Michael Farrugia (I.D. Nru 724660M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundanant li jhallas is-somma ta’ erbat elef, disa’ mija u sittax-il Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm4,916.96) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan u l-Overdraft Accounts” ta’ Alexander Galea mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B25 u Dok C), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-23 ta’ Novembru 2006 sal-jum tal-pagament effettiv, liema Loan gie moghti lill Alexander Galea permezz ta’ kuntratt datat 5 ta’ Lulju 2002 (Dok A) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, fejn il-konvenut iggarantixxa flimkien u ‘in solidum’ mieghu ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debitu tal-istess Alexander Galea.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt hawn fuq indikat u cioe Dok A partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Michael Farrugia (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperkolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa, u tikkundanna lil Michael Farrugia jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, disa’ mija u sttax-il Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm4,916.96) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta’ Alexander Galea (Dok “B1 sa B25” u Dok C) mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-23 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Dicembru 2005 li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra ntavolati kontra l-konvenut mis-socjeta’ mittenti ghal bilanci ohra mill-konvenut dovuti.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz u markati Dok A, Dok B, Dok C, u Dok D a fol 2 sa fol 33 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta it-talbiet attrici, liema nota giet presentata “seduta stante” illum stess.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Lm4,916.96,0 bl-imghax legali ulterjuri mit-23 ta’ Novembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Dicembru 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------